MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 381/2014

**Sterling Car Rentals Limited**

**Vs**

**James Pace**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-12 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf mija hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmi ta' euro [€1,165.87] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta Sterling Car Rentals Limited (C-9362) titlob il-hlas ta' elf, mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1,165.87) rapprezentanti l-ammont kumplessiv dovut mill-konvenut in

konnessjoni mal-kirja ta' vettura ghall-sitta u sittin gurnata, danni ikkagunati fuq l-imsemmija vettura u kif ukoll kontravvenzjonijiet tat-traffiku mahruga waqt li l-vettura kienet mikrija lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali (166A) numru 824/2012 datata 9 ta' April, 2012 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-effettiv pagament".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-21 ta' Ottubru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

"It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma preskritti a tenur tal-artikolu 2148(f) u 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja l-intimat m'ghandux jaghti l-ammont mitlub.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez".

Ra l-verbal datat 21 ta' Jannar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €1,165.87c in konnessjoni mal-kirja ta' vettura, danni kkagunati fl-istess vettura u hlas ta' kontravvenzjonijiet tat-traffiku maghmula mill-intimat waqt li din kienet mikrija lilu. L-intimat laqa' ghal din it-Talba billi qal li l-azzjoni kontrih kienet perenta a tenur ta' l-artikoli 2148(f) u 2153 u li huwa ma kellhux jaghti lis-socjeta rikorrenti.

   Ikkunsidra ulterjorment;

2. **Ix-xhud Carmel Mifsud, Managing Director tas-socjeta rikorrenti** qal li s-socjeta rikorrenti kienet kriet vettura tat-tip Toyota lil intimat bil-pjanca ta' registrazzjoni DAK-738 fis-17 ta' Mejju, 2011. Qabel din il-vettura, kompla jghid ix-xhud, l-intimat kien kera vettura tat-tip Hyundai Lantra bil-pjanca ta' registrazzjoni EAA-619 minghandha fit-30 ta' April, 2011. Bhala kuntratt kien hemm wiehed biss. L-intimat, kompla jghid ix-xhud, ghamel tlett (3) pagamenti. Wiehed f'April, iehor f'Mejju u l-ahhar pagament sar f'Lulju tas-sena 2011. Kompla jghid li madwar tlett (3) xhur qabel ma infethet il-kawza odjerna, waqt li huwa kien fejn il-Knisja tal-Gzira, kien iltaqa ma l-intimat u "*... huwa kien qalli illi kien gej ihallasni, hekk kien jghidli dejjem, pero qatt ma gie*" (fol. 22-23).

   Ix-xhud qal ukoll li fl-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti kien hemm ammont ta' citazzjonijiet illi l-intimat kien wehel meta l-vettura mikrija lilu kienet fil-pussess tieghu. Qal li fl-ammont reklamat hemm ukoll "*... xi ammont ghal hsarat li kien hemm li kienu saru fuq il-karozza waqt li din kienet fil-pussess tieghu*" (fol. 23).

   In kontro-ezami, x-xhud qal li s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' sitta u sittin (66) gurnata kera tal-vetturi mikrija lill-intimat. Ix-xhud semma li bhala hsarat fil-vettura kien hemm l-ammont ta' €277.30c. Dawn saru waqt li l-vettura kienet fil-pussess ta' l-intimat.

   Qal ukoll li s-socjeta rikorrenti kienet tibghat l-istatement b'mod regolari fl-indirizz ta' Ta' Xbiex u dawn qatt ma kienu jigu ritornati lura. Oltre dan, kompla jghid ix-xhud, meta kien il-Gzira, huwa kien iltaqa ma' l-

intimat u meta talbu biex jissettilja l-kont, skond ma xehed ix-xhud, l-intimat qallu li kien sejjer ihallsu. Din ma kienitx l-ewwel darba li huwa kien iltaqa ma l-intimat u dan jghidlu li kien ser ihallas il-kont, pero, ghalaq ix-xhiedha tieghu r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, l-intimat baqa qatt ma ghamel dan u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna.

3. **L-intimat** xehed u qal li l-ahhar pagament li kien ghamel lis-socjeta rikorrenti ghar-rigward tal-kiri tal-vetturi minghandha kien ghamlu fil-5 ta' Lulju, 2011. L-ammont imhallas kien ta' €300. Stqarr li statement qatt ma kien ircieva u li ghalkemm kien jaf li kien ghad hemm xi pendenzi mas-socjeta rikorrenti "*... bhala ammont qatt ma gie indikat lili*" (fol. 37). L-intimat ammetta li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn huwa kien iltaqa mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti. Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kienx jikkonferma d-diskors li qal ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti u cioe li huwa kien ser ihallsu, l-intimat qal li "*... ma niftakarx ezatt jekk kontx ghidtlu dan id-diskors jew le pagament pero m'ghamiltx. Kien semmieli wkoll li kollox kien f'idejn l-Avukat*" (fol. 37).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Nibdew bl-ewwel eccezzjoni tal-intimat. Huwa jsostni li t-Talba odjerna hija perenta a tenur ta' l-artikoli 2148(f) u 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16 jghid hekk: *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar: (f) l-azzjonijiet ta' kull persuna, għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli"* filwaqt li l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 jghid *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn"*.

5. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €1,165.87c minghand l-intimat. Dan l-ammont huwa maqsum hekk:

i. €990 bhala kera tal-vetturi EAA-619 u DAK-738 (fol. 25);
ii. €511 bhala hsarat fuq il-vettura DAK-738 (fol. 25-26);
iii. €8.16 bhala hlasijiet ghal CVA (fol. 27);
iv. €46.58 bhala kontravvenzjonijiet (fol. 31 u 32). Hemm citazzjoni ohra fuq il-vettura DAK-738 li tirreferi ghal perjodu tal-24 ta' Mejju, 2011

izda li s-socjeta rikorrenti ma pprovdietx l-Avviz tal-Hlas ghalih bhal ma ghamlet ghar-rigward taz-zewg citazzjonijiet l-ohra.

B’kollox ghalhekk, kien hemm €1,555.74.

Is-socjeta rikorrenti resqet provi li juru li thallset is-somma ta’ €405 mill-intimat bejn il-perjodu tat-30 ta’ April, 2011 u l-5 ta’ Lulju, 2011.

Jekk allura mill-ammont ta’ €1555.74 titnaqqas din l-ahhar somma ta’ €405, jigi l-bilanc ta’ €1,150.74c. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta’ €1,165.87c. It-Tribunal sejjer jimxi fuq l-ewwel ammont u cioe dak ta’ €1,150.74 l-ghaliex dwar dak hemm provi konvincenti fil-process odjern.

6. Issa kif diga rajna, fl-ammont reklamat hemm is-somma ta’ €565.74 ghal hsarat fuq il-vettura misjuqa mill-intimat, hlasijiet ta’ CVA u hlasijiet ta’ kontravvenzjonijiet tat-traffiku waqt li l-vetturi kienu fil-pussess ta’ l-intimat. It-Tribunal ghal dan l-ammont jaghmel referenza ghall-artikolu 2158 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk zgur li ma japplikawx ghal dan l-ammont id-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikoli 2148(f) u 2153 tal-Kapitolu 16. Konsegwentement qieghed jichad l-eccezzjoni tal-intimat a tenur ta’ l-artikoli 2148(f) u 2153 tal-Kap. 16. F’kull kaz, it-Tribunal huwa sodisfatt mill-provi prodotti li s-socjeta rikorrenti kienet interrompiet it-terminu preskrittiv indikat fl-imsemmija artikoli tal-ligi 2148(f) u 2153 tal-Kap. 16 u dan anke in vista tal-fatt li x-xhud Charles Mifsud kien preciz meta qal li huwa kien iltaqa mal-intimat u kien talbu sabiex ihallas il-kont pendenti mas-socjeta rikorrenti. Dan il-fatt, l-intimat ma jichdux, anzi jghid li “*jiena kont iltqajt diversi drabi mas-Sur Mifsud kif ikkonferma hu*” (fol. 37). Anke ghar-rigward tal-hlas, filwaqt li Charles Mifsud qal li l-intimat qatt ma cahdu mill-hlas, l-intimat, mistoqsi mit-Tribunal jekk jikkonfermax dan id-diskors qal li “*... ma niftakarx ezatt jekk kontx ghidtlu dan id-diskors jew le*” (fol. 37). Qal biss li “*... pagament pero m’ghamiltx*” (fol. 37). In vista ta’ din l-incertezza da parti tal-intimat, it-Tribunal ma jistax joqghod fuq ix-xhieda tieghu ghar-rigward ta’ l-eccezzjoni minnu mqanqla. Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

ghandha tigi interpretata restrittivament u jekk hemm dubju, dan ghandu jmur favur il-kreditur.

7. L-istess haga u l-istess konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula gharrigward ta' l-interruzzjoni tat-terminu preskrittiv ghandhom japplikaw ghal bilanc ta' €585, ammont dovut ghal kiri tal-vetturi da parti ta' l-intimat. Ghalhekk, l-eccezzjoni mqanqla mill-intimat tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna a tenur tal-artikoli 2148(f) u 2153 tal-Kap. 16 qeghda tigi michuda.

8. Fir-rigward tal-mertu, s-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova ghassodisfazzjon tat-Tribunal li l-intimat huwa debitur taghha fl-ammont ta' €1,150.74c u dan a bazi ta' dokumentazzjoni esebita, liema dokumentazzjoni baqghet qatt ma giet kontradetta mill-intimat. Ghalhekk, it-Talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont hawn imsemmi ghandha mis-sewwa u sejra tigi milqugha.

9. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

i. Jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat in kwantu din hija bbazzata fuq l-artikoli 2148(f) u 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jiddikjara li l-azzjoni odjerna ma hijiex perenta.

ii. Jichad it-tieni eccezzjoni tieghu in kwantu din hija nkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

iii. Jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' elf, mija u hamsin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro (€1,150.74c) u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas issomma ta' elf, mija u hamsin euro u erbgha u sebghin centezmi ta' euro (€1,150.74c) lis-socjeta rikorrenti, bl-imghaxijiet jibdew

jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' l-ittra ufficjali numru 824/2012 u cioe mid-9 ta' April, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------